Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalità

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

**Data tal-laqgħa: 16 ta' Diċembru 2019**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fis-Sala Aurora li tinsab fl-indirizz 215, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fis-6.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

### RESIDENTI PREŻENTI:

23 resident kienu preżenti

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 2.1 Introduzzjoni mis-Sindku

2.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għat-tieni laqgħa tal-lokalita’ tad-Disa’ Leġislatura.

## 2.2 Qari tal-minuti ta’ Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1

2.2.1 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef qara l-minuti ta’ Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1 li saret fit-30 ta’ Settembru 2019.

2.2.2 Resident irrimarka li l-ilmenti dwar ix-xogħlijiet f’Wied Ħal Balzan ma ġewx imniżżla fil-Minuti ta’ Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1. Is-Sindku kkonferma li din il-kwistjoni ġiet diskussa u dan il-punt tħalla barra bi żball.

## 2.3 Estimi Finanzjarji 2020

2.3.1 Is-Sindku spjega li l-abbozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020 ma ġiex approvat mill-Kunsill fil-laqgħa li saret aktar kmieni. Dan peress li l-Allokazzjoni Finanzjarja għadha ma waslitx u għalhekk il-Kunsill ser jistenna l-Allokazzjoni biex ir-rapport ikun jista’ jiġi ppreparat b’figuri attwali għax minn sena għall-oħra tvarja. Normalment l-Allokazzjoni tintbagħat f’Novembru.

## 2.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

2.4.1 Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri stieden lir-residenti preżenti biex iressqu l-mistoqsijiet u suġġerimenti li għandhom.

2.4.2.1 <u>Rampi tal-garaxxijiet</u>
Resident qal li sentejn ilu kien ġie mwiegħed lir-rampi kollha tal-garaxxijiet fuq il-bankini ser jitneħħew. Dawn jinkludu r-rampa ta’ quddiem Pro-Kitchen, Triq Idmejda u diversi oħra. Ir-resident qal li sallum ma tneħħietx rampa waħda.

2.4.2.2 Is-Sindku qal li kif diġà ssemma fil-laqgħa preċedenti, il-liġi tipprojbixxi rampi fuq u taħt il-bankini u li jekk ser inneħħu waħda, irridu nneħħu r-rampi kollha li hawn fil-lokalità. Is-Sindku qal li jekk ir-residenti kollha li għandhom rampa jaqblu, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jitneħħew.

2.4.2.3 Dwar ir-rampa ta’ Pro-Kitchen, is-Sindku qal li l-Perit inkarigat mill-proġett ta’ Wied Ħal Balzan ġie nfurmat u din għandha tiġi rranġata skont il-liġi. Is-Sindku qal ukoll li l-bankini tat-toroq li qed isiru minn IM qed isiru bl-inklinazzjoni permessa bil-liġi u għalhekk eventwalment, meta jsiru t-toroq minn IM, il-bankini kollha ser jiġu skont il-liġi.

2.4.2.4 Resident irrimarka li l-bankini qiegħdin biex jimxu fuqhom in-nies u qal li din il-liġi għandha titneħħa.

2.4.2.5 Resident ieħor qal li din il-problema qed tiżdied peress li ħafna djar qed jaqgħu u jinbnew appartamenti u n-numru tal-garaxxijiet se jibqa’ jiżdied, b’konsegwenza li jkun ta’ periklu speċjalment għall-anzjani, minħabba l-inklinazzjoni u s-servizzi li jgħaddu mill-bankina u għalhekk qal li waħda mis-soluzzjonijiet biex jitneħħa dan il-periklu hi li l-bankini jsiru kollha baxxi u mingħajr l-inklinazzjoni. Is-Sindku qal li minħabba s-sigurtà fit-toroq, il-*policy* hi li għandu jkun hemm distinzjoni bejn triq u bankina. Is-Sindku qal ukoll li għalkemm dan is-suġġeriment jagħmel sens, il-Kunsill ikun f’pożizzjoni li jimplimenta proposti meta tkun konformi mal-liġi.

2.4.2.6 Is-Sindku qal li fil-passat il-Kunsill prova jneħħi l-*wires* minn mal-faċċati fi Triq il-Ferrovija l-Qadima billi jitneħħew l-arbli li hemm fuq il-bankini u l-*wires* jgħaddu minn taħt il-bankina però sibna oġġezzjonijiet mir-residenti. Resident qal li meta jkun hemm xi applikazzjoni ta’ żvilupp, il-Kunsill għandu jesiġi li l-*wires* jgħaddu minn taħt il-bankina. Is-Sindku qal li binjiet ġodda hekk qed jagħmlu.

2.4.3.1 *One-Way System* fi Triq Ġuże' Bonniċi u t-toroq tal-madwar

Resident qal li ftit wara l-Laqgħa tal-Lokalità preċedenti kien bagħat ittra lill-Kunsill biex jilmenta dwar il-periklu li nħoloq b'din il-*one-way system*. Is-SE infurmatu li l-ittra tiegħu ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u għandu jirċievi risposta fil-ġranet li ġejjin.

2.4.3.2 Kien hemm diskussjoni dwar din is-sistema. Is-Sindku qal li din il-kwistjoni ġiet diskussa u l-Kunsill qabel li jistenna li jitlestew ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Ħal Balzan biex ikun jista' jevalwa s-sitwazzjoni. Dan għaliex it-traffiku li qed jgħaddi mill-qalba tar-raħal żdied kemm ilhom għaddejjin ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Ħal Balzan.

2.4.4 Infurzar u dixxiplina

Dwar dan is-suġġett, is-Sindku qal fil-ġimgħat li għaddew, flimkien mas-SE kellhom laqgħa mas-Supretendent tad-distrett  u żewġ uffiċjali tal-pulizija, dwar id-diffikultajiet li għandna fil-lokalità. Is-Supretendent wiegħed li ser tibda ssir ronda f'kull *shift,* u ser ikun hemm aktar infurzar.  Il-Kunsill identifika ċertu żoni fejn qed isiru abbużi. Is-Sindku qal l-laqgħat mal-pulizija ser jibdew isiru kull xahar, fejn il-Kunsill ser jibda jkun aġġornat bl-infurzar li jkun qed isir.

2.4.5 Plakka tal-*Heritage Trail*

Resident staqsa dwar jekk ġietx ordnata l-plakka li kellha teħel mal-faċċata tar-residenza tiegħu. Is-SE infurmat li l-plakka ser tiġi ordnata fil-ġranet li ġejjin.

2.4.6.1 Linji sofor

Resident talab li jitneħħa d-*dyl* li kien sar fi Triq San Rokku, minħabba familja anzjana. Ir-resident irrimarka li dawn kienu mietu u għalhekk id-*dyl* m'għadx hemm bżonhom. Dan il-każ ser jiġi ċċekjat u jekk naraw li m'għadx hemm bżonnhom jitneħħew.

2.4.6.2 Resident talab li titneħħa l-kaxxa safra li saret faċċata ta' garaxx fi Triq it-Tliet Knejjes peress li dan m'għadux jintuża bħala garaxx għax sar Cafetteria. Dan il-każ ser jiġi investigat.

2.4.6.3 Ir-resident ilmenta wkoll dwar kaxxa safra li hemm quddiem bieb ta' garaxx fi Triq il-Kbira k/m Sqaq Nru. 1, għax qal li żgur mhux jintuża bħala garaxx għax mhux wiesgħa biżżejjed li jokkupa vettura. Is-Sindku spjega li dan qiegħed bil-permess tal-PA.

2.4.7.1 *Dog Bin* fi Triq it-Tabib J Zammit

Ir-resident ilmenta wkoll dwar il-fatt li wara li kien talab li jitneħħa d-*dog bin* minn Triq it-Tabib J Zammit, dan ma tneħħiex. Ir-resident qed jitlob li jitneħħa peress li laqtu bil-karozza għax qed jostakola t-*traffic flow*.

2.4.7.2 Ir-resident ġie nfurmat li minn spezzjoni li saret ġie nnutat li hemm biżżejed distanza u l-*bin* mhux qed jostakola, għalhekk ma tneħħiex. Dan kien inċident iżolat għax ma kienx hemm rapporti oħra.

2.4.8.1 Storbju fejn il-Melita Gardens

Resident ilmenta fuq l-istorbju li qed ikun hemm tard bil-lejl, ġieli anke fit-3.00am, fejn saru diversi rapporti l-għassa tal-pulizija.

2.4.8.2 Is-Sindku infurma li l-pulizija huma nfurmati wkoll b'din iż-żona u ser tibda ssir ronda mill-pulizija, biex min jabbuża jiġi mħarrek.

2.4.8.3 Resident semma wkoll l-irregolaritajiet minn diversi, meta joħorġu l-boroż tal-iskart mhux skont l-iskeda. Is-Sindku qal li dawn l-abbużi wkoll ser jiġu infurzati, però jridu jinqabdu fil-fatt.

2.4.9.1 *Tower Crane* fi Triq Birbal

Resident ilmenta fuq il-periklu li hemm fi Triq Birbal minħabba li ntramat bażi għal *tower crane* li qed jokkupa parking bay u parti minn karreġġjata.

2.4.9.2 Is-Sindku xtaq jiċċara li din hija triq arterjali u bħal kull triq arterjali oħra, il-Kunsill m'għandu l-ebda jedd fuqha. Il-bażi kienet bdiet titpoġġa mill-kuntrattur mingħajr ma kellu permess u l-Kunsill immedjatament kif bdew ix-xogħlijiet irraporta l-każ lil TM. Il-Viċi Sindku u s-SE dehru quddiem il-bord ta' TM, meta kienet qed tiġi diskussa l-applikazzjoni tat-*tower crane.* Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntrattur weħel multa u l-permess inħareġ xorta minn TM b'numru ta' kundizzjonijiet.

2.4.10 *Reserved parking for disabled*

Resident staqsa dwar fuq liema bażi tinħareġ *reserved parking bay for disabled.* Is-Sindku, flimkien ma' resident ieħor li riċentament għadu kif ingħata *reserved parking bay* quddiem id-dar, infurmaw lil dawk preżenti l-proċedura ta' kif jinħareġ il-permess minn TM.

2.4.11 <u>Tabelli '*No parking except for residents*'</u>
Resident talab li jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli '*No parking except for residents'* li kien hemm fi Triq Idmejda, bejn k/m Triq San Valentin u l-*barrier* u li tneħħew żmien twil ilu. Il-Kunsill ser jiċċekkja u jekk hemm permess għalihom it-tabelli jiġu ordnati.

2.4.12.1 <u>Indafa fil-lokalità</u>
Resident talab informazzjoni fuq is-servizz tal-knis fil-lokalità. Is-SE spjegat li il-kuntratt preżenti jispeċifika li kull triq tinkines darbtejn fil-ġimgħa skont l-iskeda. Resident ilmenta li l-knis mhux qed isir tajjeb. Is-SE spjegat ukoll li minn Jannar, il-Kunsill ser ikollu *Contracts Manager* biex jissorvelja diversi kuntratti bħal tal-knis u ġbir ta' skart, fost oħrajn, u jassigura li s-servizz ikun qed jingħata skont il-kuntratt.

2.4.12.2 Issemma s-servizz tal-*Bulky Refuse,* fejn is-Sindku faħħar lill-kuntrattur preżenti għas-servizz effiċjenti li qed joffri. Is-Sindku fakkar li skart tal-kostruzzjoni ma jinġabarx u li r-residenti għandhom jibbukjaw mal-Kunsill kull meta jkollhom bżonn dan is-servizz.

2.4.13 <u>Siġar jostakolaw il-bankini</u>
Residenta lmentat dwar siġar fil-parapetti ta' diversi residenzi li jkunu qe jostakolaw il-bankina. Is-Sindku talab li dawk preżenti biex min jaf b'xi każ, jirrapurtah lill-Kunsill. Dwar dan it-tip ta' każ, il-Kunsill jitlob lir-resident biex ineħħi l-ostaklu. Jekk ma tittieħidx azzjoni, il-Kunsill jieħu ħsieb li jsir iż-żbir meħtieġ bil-ħaddiema tiegħu.

2.4.14.1 <u>Għeluq tal-fergħa tal-HSBC f'Ħal Balzan</u>
Residenta talbet lill-Kunsill biex jagħmel petizzjoni biex il-fergħa ta' Ħal Balzan ma tingħalaqx.

2.4.14.2 Is-Sindku infurma li kellu laqgħa ma' xi Diretturi tal-HSBC dwar dan u d-deċiżjoni li tingħalaq il-fergħa kienet diġà ttieħdet. Is-Sindku qal li biex tittaffa ftit il-problema, il-Kunsill għaddej b'diskussjonijiet mal-HSBC biex possibilment tinħoloq xi tip ta' *shuttle service* darba fil-ġimgħa, bejn Ħal Balzan u l-fergħa ta' Birkirkara, sakemm tindara s-sistema l-ġdida.

2.4.15.1 <u>Servizz għall-Anzjani</u>
Resident semma lis-Segretarjat tal-Anzjanità Attiva nieda skema, fejn l-anzjani ta' Birkirkara u l-Mosta jistgħu jibbukkjaw biex jieħdu d-demm fid-dar tagħhom minflok imorru l-berġa. Ir-resident staqsa jekk il-Kunsill għandux il-pjan li jidħol f'din l-iskema.

2.4.15.2 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa ser tiċċekkja dwar din l-iskema.

2.4.16 <u>Triq Qarċilla</u>
Residenta staqsa dwar il-proġett tat-*traffic island* fi Triq il-Qarċilla. Is-Sindku qal lis-*surve*y lest u qed nistennew l-ewwel abbozz ta' pjanti mingħand il-perit biex ikunu jistgħu jiġu diskussi mill-Kunsill.

2.4.17 <u>Ħlas ta' kontijiet mill-uffiċċju tal-Kunsill</u>
Residenta talbet lilll-Kunsill biex jibda joffri s-servizz ta' ħlas ta' kontijiet tad-dawl u ilma. Is-Sindku spjega li dan is-servizz ma jistax jiġi offrut minħabba nuqqas ta' riżorsi.

2.4.18.1 <u>Inċident fi Triq San Valentin</u>
Issemma l-inċident tat-traffiku li seħħ xahar ilu fi Triq San Valentin.

2.4.18.2 Is-Sindku xtaq jiċċara li, xhur ilu resident kien talab lill-Kunsill biex issir *sleeping policeman* fiż-żona. Din it-talba kienet approvata mill-Kunsill u r-resident kellu jġib il-kunsens tar-residenti taż-żona biex il-Kunsill japplika għal permess ma' TM. Sal-lum, il-Kunsill ma rċieva l-ebda kunsens. Issa wara li seħħ dan l-inċident, l-istess resident infurmah lit-talba tiegħu għal *sleeping policeman* ma jarahix li għadha effettiva u għalhekk qatt ma ġab il-kunsens tar-residenti. Ir-resident issa kien qed jibgħat disinn bil-proposta li jsiru xi emendi fil-bankina, biex b'hekk jitnaqqas il-periklu. Is-Sindku spjega li dan id-disinn qed jiġi evalwat mill-perit tal-Kunsill.

2.4.19 <u>Triq l-Għerusija</u>
Residenta ilmentat dwar l-istat tat-triq. Is-Sindku infurma li Triq l-Għerusija hija waħda mill-erba' toroq ikkonfermati li ser jsiru minn IM fiż-żmien li ġej.

2.4.20 Tiżjin tal-Milied

Residenta ssuġġeriet lis-siġar tal-playing field jiġu armati bid-dwal tal-Milied. Il-Kunsill ħa nota ta' dan is-suġġeriment u jiġi kkunsidrat għas-sena d-dieħla.

2.4.21 Proġett ta' pavimentar ta' diversi toroq fil-qalba tar-raħal

Resident staqsa dwar jekk ċertu sqaqin / toroq li kienu saru, hux ser jerġgħu jinqalgħu biex isir dan il-proġett. Is-Sindku spjega li IM aċċettaw li jsiru t-toroq proposti mill-Kunsill minflok dawk magħżula minnhom (li jinsabu fi stat tajjeb).

2.4.22 *Parking bays* sofor quddiem garaxxijiet

Resident staqsa jekk jistax jipparkja quddiem garaxx (li mhux tiegħu) jekk ikun hemm kaxxa safra. Is-Sindku spjega li skont il-liġi, quddiem garaxx jista' jipparkja kulħadd, basta tkun disponibbli li ċċaqlaq il-karozza, f'każ li sid il-garaxx irid jidħol / joħroġ. F'każ li jkun hemm *dyl* quddiem garaxx, ħadd ma jista' jipparkja lanqas is-sid.

2.4.23 Is-Sindku infurma lil dawk preżenti li minn għada, ir-residenti jistgħu imorru l-uffiċċju tal-Kunsill biex jiġbru poinsietta (*one per household*) billi jippreżentaw il-karta tal-identità. Dawn il-qsari ser jkunu offruti b'xejn mill-Kunsill u ser ikunu disponibbli għall-ewwel 100 *household.*

2.4.24 Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri irringrazzja lir-residenti li kienu preżenti talli attendew għal din il-laqgħa.

2.4.25 Il-laqgħa ntemmet fit-8.20pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |